# Il-Knisja ta' Marija Bambina tal-Imtaħleb

**Chev. Mario Coleiro OSJ**



Wieħed mill-iktar postijiet pittoreski f'Malta huwa bla dubju ta' xejn l-Imtaħleb fil-limiti tar-Rabat. Hawnhekk naraw kampanja mill-isbaħ, fejn barra l-ambjent sabiħ u naturali, dan il-post donnu baqa' jikkonserva s-sbuħija tiegħu. Il-waqgħa tal-blat li jifforma rdum kenni, ippermetta li għall-kenn ta' dan l-irdum ifforma raħal ċkejken li huwa kompletament raħal agrikolu. Meta wieħed iħares lejn l-Imtaħleb jista' jara kif l-irħula rurali ta' pajjiżna kienu ffurmati. L-irziezet jinsabu qalb l-għelieqi u kollha mdawrin b'siġar u ħitan tas-sejjieħ. Fil-quċċata u fl-iktar post għoli ta' dawn l-inħawi naraw tiddomina l-ambjent tal-madwar il-knisja ddedikat lil Marija Bambina.

Mons. Petro Dusina fil-vista pastorali tiegħu fl-1575 jirrapporta li f'dan l-istess post kien hemm wieqfa knisja antika ħafna li kienet imsemmija Santa Marija ta' Monte Calibbo. Il-knisja li naraw illum taf il-bidu tagħha fis-sena 1607, u nbniet minflok il-qadima mill-familja Castelletti u ngħatat it-titlu tat-Twelid tal-Madonna. Vincenzo Castelletti ħalla guspatronat ta'





Il-Knisja ta' Marija Bambina tal-Imtaħleb






Dehra tal-Knisja minn ġewwa

tmien skudi fis-sena biex f'din il-knisja jitqaddsu tlettax-il quddiesa fis-sena. Quddiesa kull l-ewwel Ħadd tax-xahar u waħda nhar it-tmienja ta' Settembru, nhar il-festa tal-Vitorja. Tissemma' wkoll il-familja D'Amico Inguanez li għandha guspatronat fuq din il-knisja. Għal ħabta tal-1656 jidher li din reġgħet inbniet mill-ġdid jew għall-inqas issewwiet. Il-kwadru titulari juri lil Sant'Anna żżomm lill-Madonna tarbija u magħha jidhru wkoll Sant Andrija, San Tumas t'Aquino u l-Anġlu Kustodju. Fil-Kantuniera t'isfel jidher ukoll Andreia Castelletti li kien il-benefattur ta' dan il-kwadru. Fil-knisja nsibu wkoll kwadru li juri lil San Pawl Nawfragu u ieħor juri lis-Sagra Familja. Dawn iż-żewġ kwadri jidher li huma xogħol ta' Carmelo Spiteri. Hawnhekk insibu wkoll vara ħelwa ħafna ta' Marija Bambina li hija mxebbha ma' dik tal-Isla. Din hija xogħol ta' Ġużeppi Caruana mlaqqam il-Marcioll minn Bormla. Fis-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor din il-knisja tkabbret u minn sempliċiment troll inbnewlha żewġ kappelluni u kor. Fuq l-artal issaqqaf b'koppla ħelwa u fuq il-kappellu tax-xellug inbena kampnar li jkompli jikkumplimenta din il-knisja ħelwa u pittoreska.

Nhar il-festa tal-Vitorja, hawnhekk issir festa ħelwa tradizzjonali fejn ir-Rabtin jattendu bi ħġarhom. Ħafna nies jiġu biex igawdu l-ambjent sabiħ ta' dan il-post u jassistu għal din il-festa. Il-Banda Rabtija Konti Ruġġieru żżomm l-appuntament tagħha kull sena biex tferraħ lil dawk li jiġu għall-festa. Mad-daqq tal-banda u xi akkumpanjament tan-nar ma jonqosx u naturalment la hija festa tradizzjonali ssib il-fiera li ħafna jkunu qegħdin jistennewha biex jittantaw xortihom.

Din il-knisja u x-xenarju ta' madwarha huma popolari ma' dawk dilettanti tal-fotografija u dawk li jħobbu jpittru l-ambjent naturali. Għalhekk insibuha ħafna fuq kotba u fi kwadri li juri s-sbuħija tal-kampanja ta' pajjiżna. Din il-knisja qiegħda tagħti ġieħ lil Alla l-Imbierek u lil Ommna Marija Santissima fil-jum tat-twelid tagħha. Imma barra minn hekk qiegħda wkoll issebbaħ dan ix-xenarju pittoresk.



L-Istatwa ta' Marija Bambina fin-niċċa tagħha

